

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-18 ta' April 2011

li temenda d-Deċiżjoni 1999/93/KE dwar il-proċedura għall-attestazzjoni tal-konformità ta' prodotti tal-konstruzzjoni skont l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE fir-rigward ta' bibien, twieqi, kontraporti, persjani, gradi u aċċessorji oħra li għandhom x'jaqsmu mal-bini

(notifikata bid-dokument numru C(2011) 2587)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/246/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-prodotti għall-bini <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(4) tagħha,

Wara konsultazzjoni mal-Kumitat Permanenti għall-Bini,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 1999/93/KE tal-25 ta' Jannar 1999 dwar il-proċedura għall-attestazzjoni tal-konformità ta' prodotti tal-konstruzzjoni skont l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE fir-rigward ta' bibien, twieqi, kontraporti, persjani, gradi u aċċessorji oħra li għandhom x'jaqsmu mal-bini <sup>(2)</sup>.

(2) L-Artikolu 13 tad-Direttiva 89/106/KEE jistipula li l-konformità għandha tiġi stabbilita skont l-Anness III ta' dik id-Direttiva.

(3) Wara revizzjoni tal-użi maħsuba ta' bibien u gradi l-proċeduri korrispondenti ta' attestazzjoni tal-konformità għandhom jiġu emendati biex jinkludu dispożizzjonijiet għall-aċċessorji tal-bini għal twieqi u għal bibien mhux użati għall-kompartimentazzjoni kontra n-nar/duħħan jew għall-mogħdijiet ta' salvataġġ.

(4) Id-Deċiżjoni 1999/93/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADDOTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

L-Anness III tad-Deċiżjoni 1999/93/KE jinbidel bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

## Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' April 2011.

Għall-Kummissjoni  
Antonio TAJANI  
Vċi-President

<sup>(1)</sup> ĠU L 40, 11.2.1989, p. 12.

<sup>(2)</sup> ĠU L 29, 3.2.1999, p. 51.

## ANNEX

## "ANNEX III

## GRUPP TA' PRODOTTI

**BIBIEN, TWIEQI, KONTRAPORTI, PERSJANI, GRADI U AĊĊESSORJI LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAL- BINI**  
(1/1)

## 1. Sistemi ta' attestazzjoni ta' konformità

Għall-prodott(i) u l-użu(i) ntiż(i) elenkati hawn taħt, il-CEN/CENELEC huma mitluba li jspecifikaw is-sistema(i) li ġejja/ġejjin ta' attestazzjoni ta' konformità fil-livell(i) armonizzat(i) relevanti:

Prodott(i)	Użu/i intenzjonat(i)	Livell(i) jew klassi(jiet)	Attestazzjoni tas-sistema(i) ta' konformità
Bibien u gradi (bi jew mingħajr aċċessorji rilevanti)	Kompartimentazzjoni kontra n-nar/duħħan u għall-mogħdijiet ta' salvataġġ	—	1
	Użi speċifiċi oħra ddikjarati u/jew użi soġġetti għal rekwiżiti speċifiċi oħra, b'mod partikolari l-ħoss, l-enerġija, id-djuqija u s-sigurezza fl-użu, (jiġifieri MHUX għall-kompartimentazzjoni kontra n-nar/duħħan, MHUX għall-mogħdijiet ta' salvataġġ)	—	3
	Għall-komunikazzjoni interna biss	—	4
Twieqi (bi jew mingħajr aċċessorji rilevanti)	Kompartimentazzjoni kontra n-nar/duħħan u għall-mogħdijiet ta' salvataġġ	—	1
	oħrajn, ta' kull tip	—	3
Aċċessorji tal-bini rilevanti għal bibien, gradi u twieqi	Kompartimentazzjoni kontra n-nar/duħħan u għall-mogħdijiet ta' salvataġġ	—	1
	Oħrajn, ta' kull tip	—	3
Kontraporti u persjani (bi jew mingħajr aċċessorji rilevanti)	użu estern	—	4

Sistema 1: Ara l-punt (i) tat-Taqsima 2 tal-Anness III mad-Direttiva 89/106/KEE, mingħajr test ta' verifika ta' kampjuni

Sistema 3: Ara l-punt (ii) tat-Taqsima 2 tal-Anness III mad-Direttiva 89/106/KEE, it-tieni possibbiltà

Sistema 4: Ara l-punt (ii) tat-Taqsima 2 tal-Anness III mad-Direttiva 89/106/KEE, it-tielet possibbiltà

L-ispeċifikazzjoni tas-sistema għandha tkun tali li tkun tista' tiġi implimentata wkoll fejn il-prestazzjoni ma jkunx meħtieġ li tiġi stabbilita għal ċerta karatteristika, għaliex tal-anqas Stat Membru wieħed ma jkollu ebda rekwiżit legali għal dik il-karatteristika (ara Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/106/KEE u, fejn japplika, il-punt 1.2.3 tad-Dokumenti Interpretattivi). F'dawk il-każijiet, il-verifika ta' din it-tip ta' karatteristika ma għandhiex tkun imposta fuq il-manifattur jekk ma jixtieqx jiddikjara l-prestazzjoni tal-prodott f'dak ir-rigward."